## STRUZZJONIJIET GĦALL-UŻU

**<u>Jekk jogħġbok aqra l-istruzzjonijiet</u>**

**1/ NEĦĦI L-GĦATU TAL-LABRA**



Neħħi l-għatu tal-labra mis-
Sistema ta' Mikro-Injezzjoni.

**Tneħħix l-arja minn ġol-labra.**

**2/ ŻOMM IS-SISTEMA TA' MIKRO-INJEZZJONI BEJN IS-SABA' L-KBIR U DAK TAN-NOFS**



Żomm is-sistema billi tpoġġi s-saba' l-kbir u s-saba' tan-nofs biss fuq il-*pads* tas-subgħajn, is-saba' l-werrej jibqa' ħieles.

**Tpoġġix subgħajk fuq it-twieqi.**

**3/ DAĦĦAL IL-LABRA MALAJR B'MOD PERPENDIKULARI MAL-ĠILDA**



Daħħal il-labra b'mod perpendikulari mal-ġilda, fiż-żona tad-deltojde, b'movimement qasir u mgħaġġel.

**4/ INJETTA BILLI TUŻA S-SABA' L-WERREJ**



Ġaladarba l-labra mikro tkun iddaħħlet, applika pressjoni ħafifa fuq wiċċ il-ġilda u injetta billi tuża s-saba' l-werrej biex tagħfas fuq il-planġer.

It-test tal-vina mhuwiex meħtieġ.

**5/ ATTIVA L-PROTEZZJONI TAL-LABRA BILLI TIMBOTTA BIS-SAĦĦA FUQ IL-PLANĠER**




Attiva l-protezzjoni tal-labra

Neħħi l-labra minn fuq il-ġilda.

Dawwar il-labra lil hinn minnek u minn persuni oħrajn.

Bl-istess id, agħfas bis-saħħa ħafna bis-saba' l-kbir fuq il-planġer biex tattiva l-protezzjoni tal-labra.
Se tisma' klikk u l-protezzjoni toħroġ biex tiksi l-labra.

Armi immedjatament is-sistema fl-eqreb kontenitur għal oġġetti bil-ponta jew li jaqtgħu.

L-injezzjoni tkun ikkunsidrata li rnexxiet kemm jekk tkun osservata l-preżenza ta' ħakk sever kif ukoll jekk le.

F'każ tal-preżenza ta' likwidu fis-sit tal-injezzjoni wara l-għoti tat-tilqima, tilqim mill-ġdid mhuwiex meħtieġ.

Aqra wkoll is-sezzjoni 3. KIF GĦANDEK TUŻA INTANZA

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat